Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 55**

**L-ERBGHA 1 TA' APRIL 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud u M. Fava kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

IL-Minuti tas-Sedutu Nru. 53 u 53 gew approvati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

## II RAPPORT MIS-SINDKU

1. Il-Kunsill gie infurmat li bdew ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni bit-tarmak ta' Triq il-Marbat. Huwa nforma li sfortunatament hemm problemi ta' dizlivelli ta' propjeta wahda fil-fatt kellha ssir targa fuq il-bankina quddiem residenza. Il-Kunsillier M. Fava nforma li dan mhux permess peress li din tista' tkun ta' periklu ghal kull min juza din il-bankina. Waar diskuzzjoni, is-Sindku ha l-inkarigu li jkellem is-sidien sabiex jigi stabilit kif tista' tigi eleminata din it-targa.

   Rigward il-bankina fuq in-naha tax-xellug, il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa li jigu installati U-Bars fuq naha ta' wara. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta u gie deciz li dawn jigu nstallati wara li titlesta t-triq.

   Il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li dan il-kuntrattur qed jiehu fit-tul biex jlesti din it-triq li mhix relativament twila. Is-Sindku ha l-inkarigu li jinforma lill-kuntrattur ikkoncernat biex jekk hu possibli jhaffef dan il-process.

   Dwar din it-triq, is-Sindku informa wkoll li saret laqgha mad-Direttur tal-Gvern Lokali nhar il-Hamis 19 ta' Frar li ghaliha hu ma setax jattendi u ghalhekk attenda biss is-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li waqt din il-laqgha huwa spjega fid-dettal il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill u l-possibilta' li l-fondi zejda li kienu allokati ghal Triq il-Qasam jigu trasferiti lill-Kunsill biex jaghmlu tajjeb ghall-kostruzzjoni ta' Triq il-Marbat. Huwa nforma li ghal din il-laqghha kienu prezenti d-Direttur, is-Sur S. Frendo u s-Sur P. Farrugia. Din il-proposta' ma gietx irrifjutata. Il-Kunsillier M. Fava ha l-inkairgu li jiddiskuti din il-proposta ma' dawk prezenti ghal din il-laqgha.

2. Is-Sindku nforma li Triq l-Inginier fiz-zona tal-Madliena giet iffinalizzata u li xoghol kollu sar b' mod professjonali.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II RAPPORT MIS-SINDKU – jkompli**

3. Rigward ix-xoghlijiet li kienu pendenti fiz-zona tal-Madliena, huwa nforma li saret il-parti ta' fuq ta' Triq il-Madliena. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa ghamel kunatt mal-bank BOV sabiex il-Kunsill jkun jista' jerga' jgedded il-garanzija bankarja li dan il-Kuntrattur ghandu marbuta minn dan il-Kunsill u dan peress li x-xoghol ghadu ma giex iccertifikat mill-Perit tal-Kunsill. Ghal xi raguni, il-kuntrattur responsabbli mix-xoghlijiet tal-Madliena, cempel fl-ufficju tal-Kunsill sabiex jhedded personalment lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kemm-il darba l-garanzija ma tigi rrilaxxata. Wara li saret komunikazzjoni permezz ta' emails mal-Kumitat Amminisatrttiv tal-Madliena, gie deciz unanimament li din il-garanzija tigi rrilaxxata peress li x-xoghlijiet pendenti kienu saru.

   Il-Vici Sindku nforma li jekk tqis il-problemi kollha li gew ikkagunati minn dan il-kuntrattur, tinduna kemm intilef hin prezzjuz detriment ghar-residenti tal-Madliena peress li x-xoghol dejjem jispicca jaqa' lura. Ghalhekk huwa nforma li jkun jaqbel jekk il-Kunsill ma jergax jaghzel dan il-kuntrattur fil-futur. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta. Il-Vici Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier staqsa dwar il-panelli li kien hemm installati fuq il-bejt tal-bini l-antik tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li huwa qed jistenna kwotazzjoni iktar idetalljata sabiex dawn jigu nstallati fil-Kunsill il-gdid.

2. Rigward il-kwistjoni ta' sigra fi Triq il-Molletta li kienet qed tikkaguna hsarat fil-bankina, huwa staqsa jekk kienx hemm xi zvilluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv informah li s-sid ta' din is-sigra, gie nfurmat li jrid jirranga l-bankina spejjez tieghu. Ghaldaqstant, il-Kunsillier ha l-inkaigu li jikkomunika mas-sid. Is- Sindku nforma li jekk kemm-il darba, il-Kunsillier ma jasalx mas-sid, allura dan il-kaz jigi mghoddi lill-Pulizija.

3. Huwa staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar is-sistema tal-one way fi Triq is-Slielem. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa staqsa ghall-approvazzjoni ta' TM u dawn infurmawh li din se tigi diskussa mal-kumplament tax-xoghlijiet pendenti tas-Swieqi.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli

Mill-Kunsillier A. Chetcuti –ikompli

4. Il-Kunsillier staqsa sabiex issir talba lit-TM biex issiru double yellow lines fit-trejqa ezatt qabel ma ddur ghal Triq il-Pedidalwett. Dan minhabba li qed issir parkegg mill-haddiema tal-Forum u din it-triq ma baqghetx wiesgha bizzejjed li tippermetti t-traffiku ta' zewg karozzi.

5. Rigward il-clamping ta' vetturi li jkunu qed joholqu nkonvenjenza fil-lokalita', huwa nforma li tkellem ma' kuntrattur li joffri dan is-servizz. Dan isugerixxa sabiex jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali ta' San Gwann u Pembroke bil-ghan li tlett kunsilli jinaqghdu dwar din il-materja. Is-Sindku ha l-inkarigu li jaghmel il-kuntatti neccessarji.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx il-kwotazzjoni ghall-boundary wall fl-entratura tas-Swieqi. Is-Segretarju Ezekuttvi nforma li l-Kunsill gahdu ma rceviex din il-kwotazzjoni u li se jerga' jikkomunika mal-kuntrattur ikkoncernat.

Mill-Vici Sindku

1. Il-Vici Sindku nforma li prezentament huwa qed jahdem fuq erbgha offerti li se jigu ppublikati dal-waqt. Huwa nforma wkoll li se jibghat aktar dettalji permezz ta' email lil kull kunsillier.

2. Il-Kunsill gie nfurmat li minhabba li qed jigu organizzati diveri korsijiet fosthom il-Mother & Baby Club fis-sala tal-Kunsill, qed jinhass sew il-bzonn li jkun hemm sound system tajjeb sabiex dawk prezenti jkunu jistghu jippartecipaw ahjar. Huwa pprezenta kwotazzjoni ghal dan l-apparat li tammonta ghal €700 . Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti sabiex jinxtara dan l-apparat.

3. Huwa nforma wkoll li hu flimkien mal-Kunsillier M. Abela attendew ghal-laqgha li saret mal-Bord tal-Progetti Kapitali fejn dawn inghataw l-opportunita' li jiddeskrivu fid-dettal il-porposti tal-Kunsill.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier pprezenta email li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

2. Huwa staqsa dwar meta huwa pjanat li ssir il-laqgha annwali ghar-residenti. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-laqgha ssir nhar il-Hamis 26 ta' Marzu 2015 fis-7pm fis-sala ta' Centru Civiku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Rigward id-data tas-Seduta tal-Kunsill li jmiss, gie deciz li din ssir nhar l-Erbgha 1 ta' April 2015.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi zvilluppi godda rigward il-kont pendenti tal-kawza tal-Qorti li kien jammonta ghal €45,000.00. Is-Sindku rega' nforma li huwa qed jipprova jaghmel dak kollu li jista' sabiex dan il-kont jigi mnaqqas. Il-Kunsillier M. Fava issugerixxa sabiex waqt il-laqgha annwali, din il-materja tigi spejgata cara lil kull min se jkun prezenti.

2. Huwa nforma li l-ahhar harga kulturali li saret, kien hemm attendenza numeruza u kienet ta' interess kbir. Ghaldaqstant, huwa nforma li l-harga li jmiss se ssir nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2015 u din se tkun ghal Ghar Dalam, B' Bugia u wara ghal Coffee Break fil-lukanda Waters Edge. Dawk li se jattendu se jhallsu ghal dan il-coffee break.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

Mill-Kunsillier C. Said

1. Hija satqsiet jekk kienx hemm xi zvillupi rigward ix-xoghlijiet li se jsiru fil-gnien ta' hdejn tennis court fi Triq il-Hemel. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li l-kuntarttur mghazul inghata letter of acceptance u mistennija jibda' x-xoghlijiet dal-waqt.

2. Il-Kunsill gie nfurmat li l-harga li saret ghall-fabbrika tal-Golden Harvest, kienet wahda ta' success peress li attendew numru sosstanzjali ta' persuni. Hija nfurmat li l-ahhar harga skedata se ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 ghal-quddies fil-Knsija tal-Manikata u wara Buffet Breakfast fil-Mellieha Bay hotel.

**III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru. 85, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App. B), il-pagamenti kollha gew approvati minn dawk prezenti. Il-Kunsillier A. Curmi ippropona u l-Kunsillieri P. Fenech u C. Said issekondaw.

Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 8.30pm.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – jkomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier informa li jinsab iddizapuntat hafna hekk kif ir-Regjun Tramuntana nforma li sfortunatament, il-wardens ta' l-ambjent ma qabdu lil hadd jarmi l-iskart wara l-hin tal-kollezzjoni. Hu nforma wkoll li l-Kunsill kien ghadda l-informazzjoni kollha sahansitrat anke l-post u l-hin li xi residenti irresponsabli qed johorgu l-iskart taghhom u minkejja din l-informazzjoni, xorta ma nqabad hadd.

2. Huwa ddiskuta l-procedura tal-clamping fil-lokalita' u pprezenta l-Avviz Legali li tikkoncerna din il-materja. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja tiogi diskussa iktar fid-dettal mas-Segreatrju Ezekuttiv iktar 'il quddiem.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – jkomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava – ikompli

3. Il-Kunsillier staqsa dwar meta huwa pjanat li jigu installati rubbers fi Triq il-Qasam k/m Triq is-Sidra. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jerga' jikkomunika mal-kuntrattur ikkoncernat.

4. Il-Kunsillier staqsa sabiex issir kommunikazzjoni mall-kuntrattur li kien responsabbli mix-xoghlijiet li saru fi Triq il-Qasam k/m Triq il-Wizna sabiex dan jigi nfurmat li se jinzamm legalment responsabbli f'kaz ta' hsarat li jsiru kagun ta' xoghlijiet tieghu. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li se jinforma lill-Avukat tal-Kunsill dwar din il-materja.

**IV APPROVAZZJONI TAL-BUDGET GHAS-SENA 2015**

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-estimi finanzjarja ghas-sena 2015. Huwa nforma li dawn gew iccirkulati ma' kull Kunsillier permezz ta' email. Wara diskuzzjoni, giet deciz unanimament li dan jigi approvat.

Din il-laqgha spiccat fid-9.00pm u sar aggornament ghal nhar
l-Erbgha l-1 ta' April 2015 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**